2025/2035

23.10.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/2035

tat-23 ta' Ottubru 2025

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.

(2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill Ewropew tenna l-kundanna qawwija tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, u afferma mill-ġdid l-appoġġ kontinwu tiegħu għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fi ħdan il-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha. Il-Kunsill Ewropew iddikjara li l-isforzi biex tkompli tiġi limitata l-kapaċità tar-Russja li tiġġieled gwerra jridu jkomplu. Huwa esprima wkoll ir-rieda tal-Unjoni li żżid il-pressjoni fuq ir-Russja, inkluż billi timponi aktar sanzjonijiet.

(3) Fid-dawl tal-aggressjoni kontinwa tar-Russja u li qed teskala kontra l-Ukrajna, u b'mod partikolari l-kampanja militari brutali reċenti tagħha mmirata deliberatament lejn l-infrastruttura ċivili, inkluż il-faċilitajiet tal-enerġija, tal-ilma u tas-saħħa, li kkawżat tbatija serja lill-popolazzjoni ċivili u li għandha l-għan li ddgħajjef ir-reżiljenza tal-Ukrajna, il-Kunsill iqis li huwa neċessarju li jiġu adottati aktar miżuri restrittivi.

(4) B'mod partikolari, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li 22 persuna u 42 entità responsabbli għal azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 269/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/269/oj.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ottubru 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

M. BJERRE

ANNESS

Il-persuni u l-entitajiet li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014:

Persuni

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"1959.	Oleg Sergeevich OSIPOV magħruf ukoll bħala Oleg Sergeevič OSIPOV magħruf ukoll bħala Oleg Sergueïevitch OSSIPOV magħruf ukoll bħala Oleg Sergejewitsch OSSIPOW bir-Russu: Олег Сергеевич ОСИПОВ	Funzjoni: Assistent tal-Viċi President tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa; Eks Segretarju tal-Istampa tal-Prim Ministru tal-Federazzjoni Russa Data tat-twelid: 19.9.1978 Post tat-twelid: Moscow, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Dmitry Anatolyevich Medvedev	Oleg Osipov ilu kollaboratur mill-qrib ta' Dmitry Medvedev mill-2018. Bejn l-2018 u l-2020, Osipov serva bħala Segretarju tal-Istampa ta' Medvedev, li dak iż-żmien kien il-Prim Ministru tal-Federazzjoni Russa. Mill-2020, Osipov serva bħala assistent ta' Medvedev, attwalment il-Viċi President tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa. Bħala l-assistent ta' Medvedev, Osipov ikompli jservi bħala l-vuċi pubblika tiegħu, u jimmaniġġa l-immaġni pubblika u l-kopertura tal-media tiegħu, inkluż fuq il-media soċjali. Huwa qed ixerred id-diżinformazzjoni u jirriproduċi narrattivi ta' propaganda Russa, inkluż permezz ta' attakki verbali. Bħala l-assistent tiegħu, Oleg Osipov huwa assoċjat ma' Dmitry Medvedev. Barra minn hekk, bid-disseminazzjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' Medvedev li jxerrdu diżinformazzjoni u propaganda relatati mal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, Osipov qed jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali tal-Ukrajna	23.10.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1960.	Andrey Alexandrovich USTINSKY magħruf ukoll bħala Andrei Alexandrovich USTINSKY bir-Russu: Андрей Александрович УСТИНСКИЙ	Funzjoni: Direttur tar-Republican Cossack Cadet Corps imsemmi għall-Marixxall tal-Ajru Alexander Efimov Sess: raġel	Andrey Ustinsky huwa d-Direttur tar-'Republican Cossack Cadet Corps imsemmi għall-Marixxall tal-Ajru Alexander Efimov' (RCCC) fit-territorju okkupat illegalment ta' Luhansk. L-RCCC tgħallem lill-minorenni biex isiru d-'difensuri futuri tar-Russja'. Flimkien mat-taħriġ militari, l-istudenti tal-RCCC huma mgħallma wkoll il-patrijottiżmu u r-reverenza għat-tradizzjonijiet Russi, kif ukoll l-istorja tar-Russja. Għalhekk, Andrey Ustinsku qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.10.2025
1961.	Svetlana Viktorovna ADAMENKO bir-Russu: Светлана Викторовна АДАМЕНКО	Funzjoni: Kummissarju għad-Drittijiet tat-Tfal ta' Stavropol Krai Data tat-twelid: 8.6.1956 Post tat-twelid: Chechnya, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Svetlana Adamenko hija l-Kummissarju għad-Drittijiet tat-Tfal ta' Stavropol Krai, li huwa suġġett federali tar-Russja. Fir-rwol tagħha hija timplimenta politiki relatati mat-tfal fir-reġjun. Hija ssorveljat l-adozzjoni ta' tfal Ukreni f'familji Russi. Barra minn hekk, Stavropol Krai fetaħ kampijiet fejn it-tfal Ukreni jirċievu edukazzjoni patrijottika Russa. Għalhekk, Svetlana Adamenko qed tappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.10.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1962.	Katerina Yurievna ARLAMENKOVA magħrufa wkoll bħala Ekaterina Yurievna ARLAMENKOVA bir-Russu: Катерина Юрьевна АРЛАМЕНКОВА magħrufa wkoll bħala Екатерина Юрьевна АРЛАМЕНКОВА	Funzjoni: President tal-fergħa reġjonali tar-Repubblika tal-Krimea tal-'Movement of the First' Sess: mara	Katerina Arlamenkova hija l-President tal-fergħa reġjonali tal-Krimea tal-organizzazzjoni taż-żgħażagħ immexxija mill-Istat 'Movement of the First', li nħolqot permezz ta' Digriet Presidenzjali. Taħt it-tmexxija tagħha, il-fergħa reġjonali involviet ruħha fil-militarizzazzjoni tat-tfal Ukreni fil-Krimea. Barra minn hekk, il-'Movement of the First' wera lill-Krimea bħala Russa, u ppromwova l-integrazzjoni Russa fir-reġjun. Għalhekk, Katerina Arlamenkova qed tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.10.2025
1963.	Konstantin Igorevich DOMOGATSKY bir-Russu: Константин Игоревич ДОМОГАЦКИЙ	Funzjoni: Kummissarju għad-Drittijiet tat-Tfal fir-Reġjun ta' Orel Data tat-twelid: 2.6.1982 Post tat-twelid: Orel, USSR (issa Russian Federation) Sess: raġel	Konstanti Domogatsky huwa l-Kummissarju għad-Drittijiet tat-Tfal fir-Reġjun ta' Orel. F'dak ir-rwol, kien involut fid-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja, b'mod partikolari orfni minn territorji okkupati illegalment. Huwa involut ukoll fl-organizzazzjoni u l-promozzjoni tal-hekk imsejħa 'kampijiet rikreattivi' fejn tfal Ukreni meħuda minn territorji okkupati illegalment tal-Ukrajna jirċievu edukazzjoni patrijottika u militari Russa. Għalhekk, Konstantin Domogatsky qed jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.10.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1964.	Maxim Yurievich KRIVONOS bir-Russu: Максим Юрьевич КРИВОНОС bl-Ukren: Максим Юрійович КРИВОНОС	Funzjoni: Direttur tal-hekk imsejjaħ 'Dipartiment tal-Edukazzjoni u x-Xjenza tal-Belt ta' Sevastopol' Sess: raġel	Maxim Krivonos huwa d-Direttur attwali tal-hekk imsejjaħ 'Dipartiment tal-Edukazzjoni u x-Xjenza tal-Belt ta' Sevastopol', f'liema kariga huwa jappoġġa u jimplimenta b'mod attiv il-politiki edukattivi Russi relatati mat-tfal Ukreni, inkluż il-promozzjoni tal-propaganda nazzjonali u edukazzjoni militari Russa. Għalhekk, Maxiim Krivonos qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.10.2025
1965.	Mikhail Artemovich GOLUBOVICH bir-Russu: Михаил Артемович ГОЛУБОВИЧ	Funzjoni: Ministru għall-Politika dwar iż-Żgħażagħ tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk' Sess: raġel	Mikhail Golubovich huwa l-Ministru għall-Politika dwar iż-Żgħażagħ attwali tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk', f'liema kariga huwa jappoġġa u jimplimenta b'mod attiv il-politiki edukattivi Russi relatati mat-tfal Ukreni, inkluż il-promozzjoni tal-propaganda nazzjonali u edukazzjoni militari Russa. Huwa ffaċilita wkoll il-ħruġ ta' passaporti Russi lit-tfal Ukreni fir-reġjun ta' Luhansk. Għalhekk, Mikhail Golubovich qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Huwa wkoll assoċjat mal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk'.	23.10.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1966.	Nadezhda Nikolaevna BOLTENKO bir-Russu: Надежда Николаевна БОЛТЕНКО	Funzjoni: Kummissarju għad-Drittijiet tat-Tfal fir-Reġjun ta' Novosibirsk Data tat-twelid: 29.1.1957 Post tat-twelid: Donskoy, Tula Oblast, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Nadezhda Boltenko hija l-Kummissarju għad-Drittijiet tat-Tfal fir-Reġjun ta' Novosibirsk. F'dak ir-rwol, hija kienet involuta fit-trasport illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja u qed tappoġġa b'mod attiv l-adozzjoni tagħhom minn familji Russi. Hija involuta wkoll fl-organizzazzjoni u l-promozzjoni tal-hekk imsejħa 'kampijiet rikreattivi' fejn tfal Ukreni meħuda minn territorji okkupati illegalment tal-Ukrajna jirċievu edukazzjoni patrijottika Russa. Għalhekk, Nadezhda Boltenko qed timplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.10.2025
1967.	Oksana Gennadyevna LUGANTSEVA bir-Russu: Оксана Геннадьевна ЛУГАНЦЕВА bl-Ukren: Оксана Геннадіївна Луганцева	Funzjoni: Kap Kmandant tal-fergħa reġjonali ta' 'Yunarmiya' fl-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk' Data tat-twelid: 7.2.1978 Sess: mara	Oksana Lugantseva hija l-Kap Kmandant tal-fergħa reġjonali ta' 'Yunarmiya' fl-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk'. Taħt it-tmexxija tagħha, il-fergħa reġjonali jippromwovi sentimenti li Luhansk hija Russa. Barra minn hekk, il-fergħa reġjonali tħeġġeġ lit-tfal Ukreni biex ikunu leali lejn ir-Russja, u biex jirreġistraw fil-forzi armati tagħha. Il-fergħa reġjonali tipprovdi wkoll lit-tfal b'edukazzjoni militarizzata. Għalhekk, Oksana Lugantseva qed tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.10.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1968.	Yulia Sergeevna VELICHKO magħrufa wkoll bħala Yuliia Velychko bir-Russu: Юлия Сергеевна ВЕЛИЧКО	Funzjoni: L-Ewwel Viċi Ministru tal-hekk imsejjaħ 'Ministeru għall-Kultura' tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk' Data tat-twelid: 26.6.1993 Nazzjonalità: Russa Sess: mara Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 345921579024	Yulia Velichko hija l-Ewwel Viċi Ministru għall-Kultura tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk'. Dak il-ministeru huwa involut direttament fil-manipulazzjoni tal-wirt kulturali tal-Ukrajna. B'mod partikolari, hija kienet preċedentement qed taġixxi bħala l-'Ministru għall-Politika dwar iż-Żgħażagħ', f'liema kariga hija appoġġat u implimentat b'mod attiv politiki edukattivi Russi relatati ma' tfal Ukreni, inkluż il-promozzjoni tal-propaganda nazzjonali u edukazzjoni militari Russa f'territorji okkupati illegalment. Hija ffaċilitat ukoll il-ħruġ ta' passaporti Russi lit-tfal Ukreni fir-reġjun ta' Luhansk. Għalhekk, Yulia Velichko qed tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Hija wkoll assoċjata mal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk'.	23.10.2025

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/2035/oj

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1969.	Nikita Yurievich ANISIMOV Russian Никита Юрьевич АНИСИМОВ	Funzjoni: Rettur tan-National Research University Higher School of Economics Data tat-twelid: 20.2.1978 Post tat-twelid: Khimki, Moscow region, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel INN: 504707727120	Nikita Anisimov huwa r-Rettur tan-National Research University Higher School of Economics (HSE University). F'Marzu 2022, appoġġa pubblikament l-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi ffirma l-indirizz tar-Russian Union of Rectors. F'Mejju 2023, ħabbar li l-HSE University ser tiffinanzja l-edukazzjoni, fil-programmi edukattivi ewlenin tagħha, tal-parteċipanti fl-hekk imsejħa 'operazzjoni militari speċjali', tat-tfal u l-qraba stretti tagħhom. F'Novembru 2022, Nikita Anisimov irċieva l-midalja 'Għat-Tisħiħ tal-Kooperazzjoni Militari' mill- Ministeru għad-Difiża Russu. Fl-2023, żar universitajiet fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna, jiġifieri Donetsk u Luhansk. Fl-2025, l-HSE University nediet programm ġdid ta' masters iffukat fuq iċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet internazzjonali, u b'hekk appoġġat lill-Gvern Russu billi ffaċilitat tali ċirkomvenzjoni. Għalhekk, Nikita Anisimov qed jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.10.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1970.	Alexey Alexandrovich BELYAEV bir-Russu: Алексей Александрович БЕЛЯЕВ	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC 'Sarapul Electric Generator Plant' Data tat-twelid: 17.9.1979 Post tat-twelid: Sarapul, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 181802088887	Alexey Belyaev huwa d-Direttur Ġenerali ta' JSC 'Sarapul Electric Generator Plant' (SEGZ), kumpanija Russa li timmanifattura sistemi ta' ġenerazzjoni, kontroll u protezzjoni tal-enerġija, tagħmir għal inġenji tal-ajru u ħelikopters militari, u komponenti għat-teknoloġija tar-rokits. JSC SEGZ tipproduċi partijiet kritiċi għall-inġenji tal-ajru Russi kapaċi ta' distanzi twal. Il-kumpanija tipparteċipa fit-twettiq tal-ordni ta' difiża tal-Istat Russu, b'aktar minn nofs id-dħul tagħha derivat minn kuntratti militari. Għalhekk, bħala d-Direttur Ġenerali ta' JSC SEGZ, Alexey Belyaev qed jappoġġa l-kumpless militari u industrijali tar-Russja. Huwa assoċjat ukoll ma' JSC SEGZ.	23.10.2025
1971.	Maksim Yurievich SOKOLOV bir-Russu: Максим Юрьевич СОКОЛОВ	Funzjoni: President ta' JSC AvtoVAZ Data tat-twelid: 29.9.1968 Post tat-twelid: Leningrad, USSR (issa St. Petersburg, Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 781400967281	Maksim Sokolov huwa l-President ta' JSC AvtoVAZ, kumpanija Russa tal-Istat li timmanifattura l-karozzi. Il-kumpanija ħolqot diviżjoni strutturali responsabbli għall-appoġġ tal-impjegati tagħha li jipparteċipaw fl-ħekk imsejħa 'operazzjoni militari speċjali' u l-familji tagħhom, billi toffrilhom benefiċċji. L-awtoritajiet Russi rrikonoxxew l-attenzjoni li toffri JSC AvtoVAZ lill-impjegati tagħha li ġġieldu fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, u lill-membri tal-familji tagħhom. Il-kumpanija tat karozzi lill-ħaddiema tal-impjanti li ġġieldu fil-gwerra, u wieġħdet li tkopri l-ispejjeż tal-manutenzjoni għalihom. Għalhekk, bħala l-President ta' JSC AvtoVAZ, Maksim Sokolov qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Bħala l-President ta' JSC AvtoVAZ, huwa assoċjat ukoll ma' JSC AvtoVAZ.	23.10.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1972.	Roman Vladimirovich TITKOV bir-Russu: Роман Владимирович ТИТКОВ	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' PJSC 'Dalpribor' Data tat-twelid: 1971 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 253803522871	Roman Titkov huwa d-Direttur Ġenerali ta' PJSC 'Dalpribor', kumpanija li tagħmel l-istrumenti tal-kumpless militari-industrijali Russu. Il-kumpanija kkonsenjat tagħmir lill-Ministeru għad-Difiża Russu, u b'hekk implimentat l-ordni ta' difiża tal-Istat. Għalhekk, bħala d-Direttur Ġenerali ta' PJSC 'Dalpribor', Roman Titkov qed jappoġġa l-kumpless militari u industrijali tar-Russja. Huwa assoċjat ukoll ma' PJSC 'Dalpribor'.	23.10.2025
1973.	Kirill Ramilievich ABDRAKHMANOV bir-Russu: Кирилл Рамилевич АБДРАХМАНОВ	Funzjoni: Maniġer Ġenerali ta' JSC 'Sarapulsky Radiozavod' Data tat-twelid: 4.11.1976 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 183105192203	Kirill Abdrakhmanov huwa l-Maniġer Ġenerali ta' JSC 'Sarapulsky Radiozavod', li tipprovdi sistemi u apparati mobbli fuq diversi pjattaformi. Il-prodotti tagħha jintużaw fit-trasportatur blindat tal-persunal Tiger-M u f'sistemi bħal 'Arbalet' u 'Akveduk', li kollha jintużaw mir-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Kirill Abdrakhomanov qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, qed jappoġġa lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja.	23.10.2025
1974.	Rustam MUMINOV bir-Russu: Рустам МУМИНОВ	Data tat-twelid: 1965 Nazzjonalità: Russu, Użbekistani, Brittaniku Sess: raġel	Rustam Muminov jikkontrolla Fargona Chemical Plant, kumpanija Użbekistana. Il-Fargona Chemical Plant forniet lill-Perm Powder Plant u lill-Impjant tal-Polvri tal-Istat tal-Każakistan b'polpa tal-qoton, li dawk l-entitajiet użaw biex jimmanifatturaw armi għall-Forzi Armati Russi. Għalhekk, Rustam Muminov qed jappoġġa lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja.	23.10.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1975.	Aleksandr Reshideovich DYUKOV bir-Russu: Александр Решидеович ДЮКОВ	Funzjoni: Direttur tal-Historical Memory Foundation; membru tal-Presidential Council for Interethnic Relations Data tat-twelid: 17.10.1978 Post tat-twelid: Moscow, eks USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 772604463094	Aleksandr Dyukov huwa d-Direttur tal-Historical Memory Foundation, li twettaq riċerka psewdostorika li tappoġġa l-politika uffiċjali tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Permezz tal-manipulazzjoni tal-fatti storiċi, l-istudji tal-Historical Memory Foundation għandhom l-għan li jiġġustifikaw ir-repressjoni Sovjetika u li jżommu l-immaġni li r-Russja qed tiġġieled kontra n-Naziżmu mifrux f'pajjiżi li jopponu r-Russja. L-Ukrajna hija rrappreżentata bħala Stat immexxi min-Nazisti. Billi huwa d-Direttur tal-Historical Memory Foundation, Aleksandr Dyukov huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-Fondazzjoni li jxerrdu l-propaganda. Barra minn hekk, Aleksandr Dyukov huwa membru tal-Presidential Council for Interethnic Relations. Il-Kunsill għar-Relazzjonijiet Interetniċi huwa korp ta' konsulenza u konsultattiv taħt il-President Russu, stabbilit biex itejjeb il-politika tal-Istat fil-qasam tar-relazzjonijiet interetniċi. Qed jaħdem biex jintegra fir-Russja t-territorji Ukreni okkupati illegalment ta' Donetsk, Luhansk, Kherson u Zaporizhzhia. Għalhekk, Aleksandr Dyukov qed jappoġġa politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u qed jappoġġa u jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.10.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1976.	Ilya Anatolyevich SOROKIN bir-Russu: Илья Анатольевич СОРОКИН	Funzjoni: Tabib fil-Kolonja Penali Nru 10 fil-Mordovja Data tat-twelid: 2.8.1990 Post tat-twelid: Potma, Zubovo-Polyansky District, Mordovian ASSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Ilya Sorokin, magħruf ukoll bħala 'Dr Evil', huwa tabib fil-Kolonja Penali Nru 10 fil-Mordovja fir-Russja. Il-priġunieri tal-gwerra (POWs) detenuti hemmhekk jiftakru t-trattament inuman u degradanti, li jvarja minn abbuż sesswali għal abbuż fiżiku u indottrinazzjoni oħra. Dan l-aġir degradanti jikkostitwixxi ksur tal-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra. Ilya Sorokin irrifjuta li jikkura lill-POWs Ukreni miżmuma fil-Kolonja Penali Nru 10 fil-Mordovja. Huwa ripetutament uża xokkijiet elettriċi fuq il-POWs, ġieħelhom jinbħu, ġieħelhom ikantaw kanzunetti patrijottiċi Russi, u ssuġġettahom għal imġiba degradanti oħra. Ilya Sorokin jappoġġa apertament il-passat militari tar-Russja u l-gwerra li għaddejja fl-Ukrajna, u regolarment iqieħed kontenut nazzjonalista u favur il-gwerra fuq il-media soċjali tiegħu, inkluż is-simbolu prominenti 'Z'. Għalhekk, Ilya Sorokin qed jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.10.2025
1977.	Alexey Vadimovich NIZKOUS bir-Russu: Алексей Вадимович НИЗКОУС	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' PJSC Energiya Data tat-twelid: 1989 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 482110760708	Alexey Nizkous huwa d-Direttur Ġenerali ta' PJSC Energiya, produttur Russu ta' sorsi ta' enerġija kimika, inkluż batteriji ddisinjati speċifikament għal applikazzjonijiet militari. Il-kumpanija timmanifattura batteriji użati f'vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ, tagħmir tal-avjazzjoni u tagħmir navali. Il-kumpanija żiedet b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-produzzjoni u l-output tagħha, u ssodisfat ordnijiet sostanzjali ta' difiża tal-Istat. It-tmexxija tal-kumpanija enfasizzat il-prijorità li jiġu ssodisfati l-kuntratti ta' difiża tal-Istat. Għalhekk, bħala d-Direttur Ġenerali ta' PJSC Energiya, Alexey Nizkous qed jappoġġa l-kumpless militari u industrijali tar-Russja. Huwa assoċjat ukoll ma' PJSC Energiya.	23.10.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1978.	Dmitry Anatolievich GARTSEV bir-Russu: Дмитрий Анатольевич ГАРЦЕВ	Funzjoni: Ministru għas-Saħħa tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk' Data tat-twelid: 1.2.1989 Post tat-twelid: Vlasikha, Moscow region, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 503227347454	Dmity Gartsev huwa l-Ministru għas-Saħħa tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk'. F'dak ir-rwol, huwa involut fl-organizzazzjoni tat-trasferiment tat-tfal mit-territorji okkupati tal-Ukrajna lejn ir-Russja. Għalhekk, Dmitry Gartsev qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.10.2025
1979.	CHA Yong Beom magħruf ukoll bħala CHA Yong-bom magħruf ukoll bħala CHA Yong-pom bil-Korean: 차용범	Funzjoni: Logutenent Ġeneral fl-Armata tal-Poplu Korean Nazzjonalità: Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea Sess: raġel	Cha Yong Beom huwa Logutenent Ġeneral fl-Armata tal-Poplu Korean tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK). Huwa ġie identifikat bħala wieħed mill-kmandanti militari għolja tar-RDPK skjerati fir-Russja flimkien mat-truppi tar-RDPK b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Minħabba l-iskjerament ta' Cha Yong Beom fir-Russja u l-involviment fil-kooperazzjoni militari bejn ir-RDPK u r-Russja, huwa kien qed jappoġġa l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u b'hekk idgħajjef u jhedded l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.10.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1980.	Vladislav Nikolaevich GOLOVIN bir-Russu: Владислав Николаевич ГОЛОВИН	Funzjoni: Kap tal-Persunal Ġenerali ta' All-Russia 'Young Army' Military Patriotic Social Movement (Yunarmiya) Data tat-twelid: 20.5.1997 Post tat-twelid: Kirov, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Vladislav Golovin huwa l-Kap tal-Persunal Ġenerali ta' All-Russia 'Young Army' Military Patriotic Social Movement (Yunarmiya). Jieħu sehem attiv fil-militarizzazzjoni ta' tfal Ukreni fit-territorji okkupati illegalment tal-Ukrajna. Ixerred ukoll sentimenti favur ir-Russja kif ukoll narrattivi kontra l-Ukrajna, u jħeġġeġ lit-tfal jingħaqdu ma' Yunarmiya. Ipparteċipa b'mod attiv fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, inkluż billi mexxa forzi Russi fil-ħtif tal-belt ta' Mariupol minnhom. Għalhekk, Vladislav Golovin qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa assoċjat ma' Yunarmiya.	23.10.2025."

Entitajiet

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
“642.	Joint Stock Company ‘Krasnoyarsk machine-building plant’ magħrufa wkoll bħala JSC ‘Krasmash’ magħrufa wkoll bħala AO ‘Krasnoiarskyi mashynobudivnyi zavod’ bir-Russu: АО ‘Красмаш’ magħrufa wkoll bħala АО ‘Красноярский Машиностроительный Завод’	Indirizz: Russian Federation, 660123, Krasnoyarsk region, Krasnoyarsk, Pr. im. Gazety Krasnoyarskii Rabochii d. 29 Tip ta’ entità: Joint Stock Company Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 23.12.2008 Numru tar-reġistrazzjoni: 1082468060553 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation INN: 2462206345 KPP: 246201001 Sit web: http://www.krskmz.ru Posta elettronika: info@krskmz.ru Tel: +7 (391) 264-47-12	JSC ‘Krasnoyarsk machine-building plant’ hija manifattur tal-munizzjon. L-impjant jimmanifattura missili ballistiċi interkontinentali Sarmat li huma strateġikament importanti għar-Russja. L-impjant fl-aħħar mill-aħħar huwa proprjetà tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, JSC ‘Krasnoyarsk machine-building plant’ qed tifforma parti mill-kumpless militari u industrijali tar-Russja u qed tappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.10.2025.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
643.	Joint Stock Company NII Steel magħrufa wkoll bħala JSC 'NII Stalina' magħrufa wkoll bħala JSC Research Institute of Steel magħrufa wkoll bħala Joint Stock Company Nauchno Issledovatelskii Institut Stali magħrufa wkoll bħala OJSC 'NII STALLI' magħrufa wkoll bħala Open Joint-Stock Company 'Scientific Research Institute of Steel' bir-Russu: Акционерное Общество 'НаучноИсследовательский Институт Стали' magħrufa wkoll bħala АО 'НИИ Стали' magħrufa wkoll bħala ОАО 'НИИ Стали' magħrufa wkoll bħala Открытое акционерное общество 'Научно-исследовательский институт стали' magħrufa wkoll bħala НИИ стали magħrufa wkoll bħala Научно-исследовательский институт стали	Indirizz: 127411, Moscow, Dubninskaya str., 81a Tip ta' entità: Joint Stock Company Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 17.2.1993 Numru tar-reġistrazzjoni: 1027739081556 Post prinċipali tan-negozju: Moscow, Russian Federation INN: 7713070243 KPP: 771301001 Tel: +7 (495) 484-63-33; (495) 484-63-61 Fax: +7 (495) 485-43-95; (495) 485-43-95 Posta elettronika: mail@niistalli.ru Entitajiet assoċjati: Kalashnikov Concern	JSC NII Steel hija attiva fir-riċerka, l-iżvilupp u l-produzzjoni ta' materjali, strutturi u teknoloġiji għall-protezzjoni tal-armi, it-tagħmir militari u l-persunal ta' kull tip ta' forzi tal-art, kif ukoll il-produzzjoni ta' soluzzjonijiet protettivi innovattivi għall-użu ċivili. JSC NII Steel nediet l-iżvilupp tal-kumpless ta' sistemi ta' tagħmir għat-trażżin tas-senjatura għat-tankijiet T-90M, IT-80 BVM u T-72B3. Barra minn hekk, JSC NII Steel ipprovdiet servizzi ta' kisi ta' protezzjoni fuq tankijiet tal-metall u komponenti (spare parts) ta' tankijiet u vetturi tal-ġlied blindati awtopropulsivi oħrajn. Għalhekk, JSC NII Steel qed tagħmel parti mill-kumpless militari u industrijali tar-Russja. Peress li l-prodotti tagħha jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, JSC NII Steel barra minn hekk qed iddgħajjef l-integrità territorjali tal-Ukrajna.	23.10.2025.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
644.	Joint Stock Company 'Solikamsk Plant Ural' magħruf ukoll bħala AO Solikamskii Zavod Ural bir-Russu: Акционерное Общество 'Соликамский Завод "Урал"'	Indirizz: 618554, Russian Federation, Perm region, Solikamsk, Energetikov st., 19a Tip ta' entità: Joint Stock Company Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 19.12.2011 Numru tar-reġistrazzjoni: 1115919002561 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation INN: 5919015877 KPP: 591901001 Tel: +7 (34253) 4-00-07, +7 (34253) 4-00-29 Sit web: www.zavodural.ru Posta elettronika: zavod-ural@yandex.ru	JSC 'Solikamsk Plant Ural' hija produttur Russu ta' porvli u splussivi. L-impjant fl-aħħar mill-aħħar huwa proprjetà tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, JSC 'Solikamsk Plant Ural' qed tifforma parti mill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi tkun involuta fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari, u qed tappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.10.2025.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
645.	Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Old Vector magħrufa wkoll bħala 'Old Vector' LLC bir-Russu: Общество с ограниченной ответственностью 'Олд Вектор'	Indirizz: Kyzyl-Ady st. 172, Archa-Beshik, Leninsky district, Bishkek, Kyrgyzstan Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Kyrgyzstan Data tar-reġistrazzjoni: 13.12.2024 Numru tar-reġistrazzjoni: 311479-3301-OOO OKPO: 33504589 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 01312202410041 Post prinċipali tan-negozju: Kyrgyzstan Tel: 0700541245; +996223300013 Web: https://a7a5.kg/; https://a7a5.io/ Entitajiet assoċjati: PSB Bank	LLC Old Vector hija l-emittent ta' A7A5, stablecoin li hija appoġġata minn depożiti ta' rubli ta' kors legali fil-kontijiet ta' PSB Bank, intrapriża tal-Istat Russu. Għal kull rublu li jintnefaq fuq A7A5, somma ekwivalenti tiġi ddepożitata f'PSB Bank, u b'hekk jiżdied il-kapital tal-istituzzjoni tal-Istat. A7A5 inħolqot b'mod konġunt minn PSB Bank u kumpanija li hija parzjalment proprjetarja tagħha, jiġifieri LLC A7. Dak il-proġett kien parzjalment finanzjat minn VEB.RF, istituzzjoni ewlenija għall-iżvilupp finanzjarju li l-President tagħha jinħatar direttament mill-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin, u tirċievi struzzjonijiet direttament mingħandu. Għalhekk, LLC Old Vector qed tappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa u tibbenefika minnu, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, LLC Old Vector hija assoċjata ma' PSB Bank, persuna ġuridika li twettaq tranżazzjonijiet mal-gruppi separatisti fir-reġjun ta' Donbas tal-Ukrajna.	23.10.2025.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
646.	State Unitary Enterprise of the Lugansk People's Republic 'Lugansk Communications' magħrufa wkoll bħala SUE LPR 'Lugakom' magħrufa wkoll bħala State Unitary Enterprise of the Lugansk People's Republic 'Republican Digital Communication' magħrufa wkoll bħala SUE LPR 'RDC' bir-Russu: 'Государственное Унитарное Предприятие Луганской Народной Республики "Луганские Коммуникации"' magħrufa wkoll bħala Государственное Унитарное Предприятие Луганской Народной Республики 'Республиканские Цифровые Коммуникации'	Indirizz: Urban District, Lugansk city, Marska Street 261, 291011, Yeremenko sq. 73, Luhansk city, Luhansk district, so-called 'Luhansk People's Republic' Tip ta' entità: State Unitary Enterprise Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 29.11.2022 Numru tar-reġistrazzjoni: 1229400032839 Post prinċipali tan-negozju: l-hekk imsejħa 'Luhansk People's Republic' Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 9403009411	State Unitary Enterprise of the Lugansk People's Republic 'Lugansk Communications', li qabel kienet magħrufa bħala State Unitary Enterprise of the Lugansk People's Republic 'Republican Digital Communication', hija operatur tat-telekomunikazzjoni li jopera fir-reġjun okkupat illegalment tal-Ukrajna ta' Luhansk. Din twaqqfet u hija kkontrollata mill-hekk imsejħa awtoritajiet tar-'Luhansk People's Republic' u hija rreġistrata bħala entità ġuridika Russa. Għalhekk, State Unitary Enterprise of the Lugansk People's Republic 'Lugansk Communications' qed tappoġġa politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Hija wkoll assoċjata mal-hekk imsejħa 'Luhansk People's Republic'.	23.10.2025.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
647.	State Unitary Enterprise of the Donetsk People's Republic 'Ugletelekom' magħrufa wkoll bħala SUE DPR 'Ugletelekom' bir-Russu: Государственное Унитарное Предприятие Донецкой Народной Республыкы 'Углетелеком' magħrufa wkoll bħala Гуп Днр 'Углетелеком'	Indirizz: 283001, Postysheva St. 60, Donetsk city, Donetsk district, so-called 'Donetsk People's Republic' Tip ta' entità: 'State Unitary Enterprise' Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 1.2.2023 Numru tar-reġistrazzjoni: 2239300329486 Post prinċipali tan-negozju: l-hekk imsejħa 'Donetsk People's Republic' Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 9303011791	State Unitary Enterprise of the Donetsk People's Republic 'Ugletelekom' hija operatur tat-telekomunikazzjoni li jopera fir-reġjun okkupat illegalment tal-Ukrajna ta' Donetsk. Twaqqfet permezz tal-hekk imsejħa 'Donetsk People's Republic' bl-esproprjazzjoni illegali ta' assi Ukreni. Għalhekk, State Unitary Enterprise of the Donetsk People's Republic 'Ugletelekom' tappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Hija wkoll assoċjata mal-hekk imsejħa 'Donetsk People's Republic'.	23.10.2025.
648.	Tianjin Xishanfusheng International Trading Co. LTD	Indirizz: 300350, Jinnan District, Tianjin, Xianshuigu Town, People's Republic of China Post tar-reġistrazzjoni: People's Republic of China Post prinċipali tan-negozju: People's Republic of China	Tianjin Xishanfusheng International Trading Co. LTD hija kumpanija Ċiniża. Esportat oġġetti ta' oriġini mill-Unjoni lil entitajiet fir-Russja li l-esportazzjoni diretta tagħhom mill-Unjoni lejn ir-Russja hija pprojbita mill-Artikolu 3k tar-Regolament (UE) Nru 833/2014. Għalhekk, Tianjin Xishanfusheng International Trading Co. LTD qed tiffaċilita l-ksur tal-projbizzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni tar-Regolament (UE) Nru 833/2014.	23.10.2025.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
649.	Public Joint Stock Company ‘Polyus’ magħrufa wkoll bħala: PJSC ‘Polyus’ magħrufa wkoll bħala Polyus bir-Russu: Публичное акционерное общество ‘ПОЛЮС’	Indirizz: 3 bldg 1, Krasina St., Moscow, 123056, Russian Federation Tip ta’ entità: Public Joint Stock Company Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 17.3.2006 Numru tar-reġistrazzjoni: 1068400002990 Numru ta’ Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7703389295	PJSC ‘Polyus’ hija kumpanija Russa tal-estrazzjoni tad-deheb li topera fis-settur tad-deheb Russu, li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, PJSC ‘Polyus’ hija involuta f’settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta’ dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.	23.10.2025.
650.	Grinex bir-Russu: Гринекс	Indirizz: Bishkek, Leninsky district, microdistrict Jal-29, building 14/1, 35, Kyrgyzstan Tip ta’ entità: Kumpanija b’Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Bishkek, Kyrgyzstan Data tar-reġistrazzjoni: 27.12.2024 Numru tar-reġistrazzjoni: 311748-3301-OOO Numru ta’ Identifikazzjoni tat-Taxxa: 02312202410120 Indirizzi magħrufa tal-kartieri tal-blockchain: TNZxGWCwvsHr6JxQxzoeDXV597Yf7Zb7nV; TC8axQvzJEVR3NKN6mZnJtGy7537GEmh38; TEcuHDQthTmULe8fFLUccBPpjfXaTmJuuD Entitajiet assoċjati: PSB Bank	Grinex hija skambju tal-kriptovaluta rreġistrat fil-Kirgiżstan. Grinex hija pjattaforma ewlenija għan-negozjar tal-istablecoin A7A5, li hija kollateralizzata minn PSB Bank, istituzzjoni tal-Istat Russu. Għal kull rublu li jintnefaq fuq A7A5, somma ekwivalenti tiġi ddepożitata f’PSB Bank, u b’hekk jiżdied il-kapital tal-istituzzjoni tal-Istat. A7A5 ġie żviluppat minn LLC A7 u PSB Bank, u jinħareġ minn LLC Old Vector. Għalhekk, Grinex qed tappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa u tibbenefika minnu, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, Grinex hija assoċjata ma’ PSB Bank, LLC A7 u LLC Old Vector.	23.10.2025.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
651.	ODK-Ufa Engine-Building Production Association bir-Russu: Публичное Акционерное Общество ‘Одк-Уфимское Моторостроительное Производственное Объединение’ magħrufa wkoll bħala Public Joint Stock Company Odk-Ufimskoye Motorostroitelnoye Production Association magħrufa wkoll bħala UEC-Ufa Engine-Building Production Association magħrufa wkoll bħala ODK-UMPO magħrufa wkoll bħala UEC-UMPA	Indirizz: 450039, Ufa, Ferina street 2., Republic of Bashkortostan, Russian Federation Tip ta’ entità: Public Joint Stock Company Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 1.1.1925 Numru tar-reġistrazzjoni: 1020202388359 Numru ta’ Identifikazzjoni tat-Taxxa: 0273008320 KPP: 027301001	ODK-Ufa Engine-Building Production Association (ODK-UMPO) hija l-akbar manifattur tal-magni b’turbini tal-gass tar-Russja u sussidjarja ewlenija tal-United Engine Corporation (UEC) proprjetà tal-Istat, li għandha rwol ċentrali fil-kumpless militari-industrijali tal-pajjiż. Matul il-forum militari Army-2024, ODK-UMPO għamlet ftehim dwar injezzjoni ta’ 27,5 biljun rublu mir-Rostec State Corporation biex tappoġġa l-operazzjonijiet li għaddejjin tagħha, u kompliet issaħħaħ l-importanza strateġika tagħha. Il-kumpanija omm ta’ ODK UMPO UEC tipproduċi magni għall-inġenji tal-ajru Su-27, Su-30, Su-35S, Su-57 u Su-25. L-output primarju ta’ ODK-UMPO jinkludi magni turboġett bħall-AL-31F, AL-41F-1S, IR-95Sh u R-195, li huma integrali għal dawk il-ġettijiet tal-ġlied tal-ewwel linja. Il-Ministeru għad-Difiża Russu kkummissjona direttament lil ODK-UMPO biex tiżviluppa magna AL-41F-1S unifikata għall-użu f’inġenji tal-ajru tar-raba’ ġenerazzjoni Su-series. Għalhekk, ODK-Ufa Engine-Building Production Association qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-kumpless militari u industrijali tar-Russja billi tforni teknoloġija u tagħmir militari.	23.10.2025.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
652.	Joint Stock Company AvtoVAZ bir-Russu: Акционерное общество ‘АВТОВАЗ’ magħrufa wkoll bħala JSC AvtoVAZ magħrufa wkoll bħala AvtoVAZ	Indirizz: Yuzhnoe highway (Southern highway) 36, Togliatti, Russian Federation Tip ta’ entità: Joint Stock Company Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 23.9.2002 Numru tar-reġistrazzjoni: 1026301983113 Numru ta’ Identifikazzjoni tat-Taxxa: 6320002223	JSC AvtoVAZ hija kumpanija Russa tal-manifattura tal-karozzi tal-Istat. Il-kumpanija ħolqot diviżjoni strutturali responsabbli għall-appoġġ tal-impjegati tagħha li jipparteċipaw fl-ħekk imsejħa ‘operazzjoni militari speċjali’ u l-familji tagħhom, billi toffrilhom benefiċċji. L-awtoritajiet Russi rrikonoxxew l-attenzjoni li toffri JSC AvtoVAZ lill-impjegati tagħha li ġġieldu fil-gwerra ta’ aggressjoni kontra l-Ukrajna, u lill-membri tal-familji tagħhom. Il-kumpanija tat karozzi lill-ħaddiema tal-impjanti li ġġieldu fil-gwerra, u wieġħdet li tkopri l-ispejjeż tal-manutenzjoni għalihom. Għalhekk, JSC AvtoVAZ qed tappoġġa b’mod materjali azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.10.2025.
653.	Limited Liability Company Plant ‘BUMMASH’ bir-Russu: Общество с ограниченной ответственностью завод ‘БУММАШ’ magħrufa wkoll bħala LLC Plant ‘BUMMASH’ magħrufa wkoll bħala Plant ‘BUMMASH’ magħrufa wkoll bħala Zavod ‘BUMMASH’ magħrufa wkoll bħala BUMMASH	Indirizz: Votkinskoe highway 170, Izhevsk, Russian Federation Tip ta’ entità: Kumpanija b’Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Izhevsk, Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 9.10.2018 Numru tar-reġistrazzjoni: 1181832022250 Numru ta’ Identifikazzjoni tat-Taxxa: 1840083283	LLC Plant ‘BUMMASH’ hija intrapriża industrijali bbażata fir-Russja. Hija rikonoxxuta uffiċjalment mill-awtoritajiet reġjonali tar-Repubblika tal-Udmurt bħala waħda mill-intraprizi tal-kumpless militari-industrijali tagħha. Il-produzzjoni tal-kumpanija tintuża mill-Forzi Armati Russi u tipparteċipa fit-twettiq tal-ordni ta’ difiża tal-Istat Russu. LLC Plant ‘BUMMASH’ hija involuta wkoll fil-manifattura ta’ tagħmir b’użu doppju, li jista’ jintuża għal applikazzjonijiet militari. Dikjarazzjonijiet pubbliċi minn uffiċjali reġjonali jikkonfermaw li LLC Plant ‘BUMMASH’ qed tappoġġa l-isforz tal-gwerra tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna. Għalhekk, LLC Plant ‘BUMMASH’ qed tifforma parti mill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi tkun involuta fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta’ teknoloġija u tagħmir militari.	23.10.2025.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
